MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 471/2003

**Citadel Insurance p.l.c. [C21550]
kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Paul Agius, sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Paul Agius**

**vs**

**Brian Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentata mill-atturi fit-23 ta' Settembru, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (LM2,126.37), jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, minn liema somma hija dovuta s-somma ta' elfejn u sitta u sebghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,076.37) favur is-socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c., rapprezentanti danni sofferti mill-attur

Paul Agius u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici, in segwitu l-incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Jannar, 2003 fi Triq il-Kosta, Naxxar waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBG 232 u Mario Scicluna kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBK 092, proprjeta' ta' l-attur, ghal liema ncident jahti unikament il-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regoalmenti tat-traffiku da parti tieghu, u l-bilanc favur l-attur Paul Agius, rapprezentanti *policy excess* imhallsa minnu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghs-smigh kontra s-socjeta' ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentati mill-konvenut Brian Buttigieg fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura EBK 092 proprjeta' ta' l-attur Paul Agius, ossija Mario Scicluna b'kawza ta' imperizja, negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tant illi kienet gja giet ipprezentata kawza fl-14 ta' Awissu 2003 fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Montalto Insurance Agency Limited vs Mario Scicluna" (1599/03/JR) liema kawza tinsab differita ghall-14 ta' Novembru, 2003.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni illi grat fil-15 ta' Jannar, 2003 fuq il-Coast Road, limiti tan-Naxxar bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBK 092 misjuqa minn Mario Scicluna u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBG 232 misjuqa mill-konvenut. Iz-zewg vetturi kienu ghaddejjin fl-istess direzzjoni minn Saint Andrews' lejn is-Salina u l-incident gara waqt manuvra ta' sorpass.

Ikkunsidrat:

PS 1393 Carmel Azzopardi li nvestiga dan l-incident qal illi mar fuq il-post ftit wara illi gie rrapurtat lilu l-incident in kwistjoni. Ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu u ha l-kejl. Kellem lill-partijiet u Mario Scicluna, li kien qed isuq il-vettura bin-numru EBK 029 qallu illi ra l-karozza tal-konvenut quddiemu u waqt manuvra ta' sorpass, minghajr sinjali ta' xejn, il-konvenut gibed lejn il-lemin ghal go dahla li taghti ghal White Rocks. Ma setax jevita l-incident u baqa' diehel go fih.

Fl-okkorrenza a fol. 18 is-Surgent kiteb, rigrawd il-manuvra ta' Scicluna, "As he was adjacent to the other vehicle he did not observe *indicator*s and when this manouvre [overtaking] commenced, both vehicles collided."

Peress illi l-Qorti m'ghandhiex il-konfort tax-xhieda ta' Mario Sicluna, peress illi jidher illi huwa msiefer definitivament, il-Qorti ghandha toqghod fuq din ix-xhieda tas-Surgent ghal dak li jirrigwarda l-verzjoni ta' Scicluna.

Minn naha l-ohra, l-konvenut jghid illi meta wasal fl-inkrocju huwa xeghel l-*indicator*s, waqaf, hares fil-mirja, qal lill-passiggiera Wendy Ann Reitano biex tara minn wara jekk hux gej xi hadd, u meta accertaw ruhhom illi ma kien hemm hadd, beda jdur lejn il-lemin. Pero' hekk kif beda l-manuvra gie Scicluna minn naha ta' wara u baqa' diehel fih. Kemm il-konvenut kif ukoll Wendy Ann Reitano jghidu illi huma harsu fil-mirja u Reitano, anzi tinsisti, meta tghid illi hija ixxabtet lejn il-lemin, in-naha tad-driver, biex tkun tista' thares fil-mera tan-nofs. It-tnejn allegaw li

Scicluna kien xurban peress illi kienu gejjin minn xi party wara li kienu rebhu lobgha hockey.

Rigward ix-xorb, il-Qorti ma tarax illi tista' toqghod fuq din ix-xhieda meta s-Surgent stess fix-xhieda tieghu jghid, "Ma rrizultalix li xi hadd mis-sewwieqa kien xurban. Ma kienx hemm riha ta' alkohol u t-tnejn tkellmu normali."

Xehed ukoll l-avukat Edward Zammit Laferla fejn ikkonferma li l-vettura EBK 092, proprjeta' ta' Paul Agius hija assikurata maghhom b'polza tat-tip 'comprehensive'. Wara illi gie rrapurtat lilhom dan l-incident, ipprocessaw it-talba ta' Agius u awtorizzaw it-tiswijiet. Gew esebiti l-ircevuti tat-tiswija kollha.

Agius xehed [fol. 42] illi huwa proprjetarju tal-vettura in kwistjoni li kienet qed tintuza bil-kunsens tieghu minn Mario Scicluna. Wara l-incident huwa hallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) *excess*.

Ikkunsidrat:

Minkejja illi din il-Qorti m'ghandhiex ix-xhieda ta' Scicluna, xorta jidhrilha illi ghandha hafna x'ticcensura bil-mod ta' sewqan tal-konvenut. Tibda biex tghid illi x-xhieda ta' Wendy Ann Reitano meta hija tghid illi hija xxabtet lejn il-lemin biex thares lejn il-mera tan-nofs, ma tantx hija veritjera. Din il-manuvra hija ferm perikoluza peress illi trid tintefa' litteralment fuq is-sewwieq biex tkun tista' taghmel dan, stante li l-mera tan-nofs tkun imdawra lagenba biex tigi fil-*line of sight* tas-sewwieq u mhux tal-passiggier.

Il-konvenut jghid illi huwa xeghel l-*indicator* erbghin metru qabel ma beda jdur u waqaf f'nofs it-triq fejn hemm l-*interrupted white line*. Sa hawn kollox sew, pero' dan ma kienx bizejjed biex jawtorizzawh ibiddel id-direzzjoni tieghu lejn il-lemin. Kien jinkombi fuqu jassigura illi ma kienx hemm vetturi dak il-hin illi kienu sejrin jaghmlu xi manuvra ta' sorpass. Jghid illi hares fil-mirja u ma ra xejn, izda mmedjetament kif beda l-manuvra lejn il-lemin sar l-incident. Jidher illi bejn li hares lejn il-mera u sar l-incident

ghaddew biss frazzjonijiet ta' sekondi. Quindi l-vettura l-ohra kienet ferm aktar vicin tieghu milli huwa ssopona u quindi dan huwa sinjal car ta' nuqqas ta' *proper lookout*.

Ghal dak illi jirrigwarda s-sewqan ta' Mario Scicluna, ma hemmx dubju li l-manuvra ta' sorpass hija manuvra permessibbli taht cirkostanzi normali. Pero' dak li jkun sejjer jissorpassa ghandu jaccerta ruhu illi ser jaghmel hekk minghajr riskju u periklu ghalih u ghall-utenti l-ohra tat-triq. [Ara <u>Commissioner of Police vs Lawrence Callus</u> Appell 27.02.1998]

Dak il-hin fis-siegha ta' filghodu [01:00] ma tantx kien hemm traffiku fi Triq il-Kosta u Scicliuna seta' liberalment jaghmel din il-manuvra ta' sorpass meta ra karozza tinstaq bi *speed* ridott quddiemu. L-obbligu kien fuq il-konvenut illi jara illi huwa seta' jdur lejn il-lemin minghajr xkiel ta' hadd.

Fil-ktieb tieghu "Liability in Motor Cases" Buchnan jghid, "In cases of collisions between an overtaking motorist and a right turning motorist being overtaken, it is first of all necessary to have regard to the duties of the right turning motorist … It became the duty of the driver to keep a lookout both infront and behind. He no longer complies with his duty unless after giving his turning signal he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal which it is submitted bouys down to take reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn."

L-awtur Gibb fil-ktieb tieghu "Trial of Motorcar Accident Cases" jghid, "The drivers' duty is not confined to making signals; he must see so far as he can see that they have been understood and he may be guilty of careless driving if he drives on after making one without so seeing."

Dan huwa konformi mall-Highway Code fejn l-artiklu 79 jghid, "When changing direction, you must invariable signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror."

Il-Qorti ssib illi l-konvenuti m’osservax dawn ir-regolamenti.  Ma jistax ikun illi huwa ma rax il-konvenut meta kien daqshekk vicin tieghu.  Mhuwiex probabbli illi Scicluna kien qed isuq minghajr dwal.  Haga bhal din kienet zgur tohrog *a tempo vergine* meta lis-Surgent kien qieghed jinvestiga l-kaz.  Izda fuq dan is-Surgent ma jghid xejn.

Ghalhekk il-Qorti ssib, illi dan l-incident jahti ghalih esklussivament il-konvenut meta bi traskuragni biddel id-direzzjoni tieghu lejn il-lemin minghajr ma assigura illi seta’ jaghmel hekk bla periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fil-15 ta’ Jannar, 2003 fi Triq il-Kosta, limitit tan-Naxxar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBK 092 misjuqa minn Mario Scicluna u l-vettura bin-numru DBG 232 misjuqa mill-istess konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ elfejn, mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,126.37) u tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz ghas-smigh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------